# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum: 28 ta' Jannar 2002

Il-Pulizija
(Spettur John Sacco)

Ref: 580/99

vs

Marcon Coppola,
Gillian Gafa u
Chairmain Costa.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra:

Marcon Coppola ta' 21 sena bint Carmel u Maria Dolores nee Saliba imwielda u residenti 111, Triq Victoria, Gzira, ta' karta ta' identita numru 221678(m);

Gillian Gafa ta' 23 sena mart Gordon u bint David Ali u Antonia Borg nee Magro imwielda il-Germanja u residenti 7, Flat 4, St Jude Court, Triq Anglu u Marianna Camilleri, Fgura, bin-numru tal-karta ta' l-identita 10356(A);

Chairmane Costa ta' 20 sena bint missier mhux maghruf u Mary Costa imwielda Pieta u residenti 7, Triq Sant Antnin, Msida, ta' karta ta' identita numru 534178(m);

Akkuzati talli:

b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. minn gewwa l-Belt Valletta, f'dawn l-ahhar tnax-il xahar, qabel it-tlettax ta' Mejju 1999, ikkommettew serq ta' flus u oggetti ohra li jiswew madwar tmintax-il elf lira Maltin (lM18,000) ghad-dannu ta' Steve Mason minn Tarxien u persuni ohra, u liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-hin;

Il-Qorti mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati sabiex ihalsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali (folio 96) fejn talab li l-imputati jigu iggudikati minn dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputati u dan wara li tisma kull prova ohra li ggib il-pulizija.

Rat li l-prosekuzzjoni ma kellix provi ohra x'tipproduci u semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputati bil-gurament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputati ai termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali huma akkuzati b'serq kontinwat aggravat bil-valur , l-persuna u hin.

Il-provi huma tali li ma jhallu ebda dubbju dwar r-reita` tal-imputati fir-rigward is-serq li huma akkuzati li kkommettew. Jirrizulta sodisfacjentement ippruvat li l-imputati fil-kors ta' l-impieg taghhom mal-parti leza, precizament mill-hanut 'Jet Setter' ta' Triq ir-Repubblika, l-Belt, kienu issottraw flus u oggetti mill-hanut a detriment u pregudizzju tas-sidien l-imsemmi negozju. Dan il-fatt irrizulta esawrietement kemm mill-provi tal-prosekuzzjoni u l-istqarrijiet u x-xhieda ta' l-imputati.

Fil-fatt l-abbli difensuri ta' l-imputati fit-trattazzjoni orali issoffermaw fuq il-fatt tal-aggravju tal-valur li sostnew ma kienx irrizulta. Il-Qorti fuq daqshekk taghti ragun lid-difiza li argumentat ben tajjeb li f'dan il-kaz hu trattandosi ta' serq kontinwat kien hemm sensiela ta' serqiet f'ammonti zghar li f'ebda okkazzjoni ma kienu jissuperaw il-mitt lira Maltin. Dan il-fatt johrog wisq car mill-provi u kwindi mhux il-kaz li l-aggravju tal-valur gie ppruvat. Altimenti ghandhom jirrizultaw iz-zewg aggravji l-ohra, cioe` tal-persuna u hin. Ta' l-ewwel a bazi ta' l-Artikolu 268(a) tal-Kap 9 stante li s-serq gie kommess mill-imputati meta u fil-kors tal-impieg taghhom, u t-tieni a bazi ta' l-Artikolu 270 tac-citata Kap 9 tenut kont li l-imputati kienu jispiccaw xoghol fis-7.30 ta' wara nofs in-nhar u mehud in konsiderazzjoni l-perijodu li fih sehh is-serq.

Illi stabbilit dan il-Qorti thoss li f'dan l-istadju u qabel ma tghaddi ghall-piena, ghandha taghmel xi riflessjonijiet partikolarment jekk ghandhiex f'dan il-kaz torbot lill-imputati jhalsu xi forma ta' kumpens in aggunta mal-piena. Wara li qieset dak kollu li fil-fehma taghha kien rilevanti f'dan il-kuntest, il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li fil-kaz specifiku mhux il-kaz li tadotta dan it-tip ta' provvediment: fl-ewwel lok minhabba d-differenza sostanzjali li hemm ezistenti bejn l-ammonti sostnuti mill-imputati individwalment minn naha u d-derubati minn naha l-ohra li tpoggi l-kwistjoni li tigi ahjar determinata f'foro ta' kompetenza civili; u fit-tieni lok minhabba li jirrizulta minn dokument esebit in atti li, mill-aspett purament civili, ghaliex mill-aspett kriminali l-proceduri huma istitwibbli 'ex officio', kull pendenza giet risolta f'dak li ghandha x'taqsam l-imputata Marcon Coppola u kwindi ikun inopportun u anke ingust, mill-aspett ta' trattament, li din il-Qorti taghti xi provvediment dwar kumpens meta l-imsemmi dokument ma jaghti ebda indikazzjoni ta' l-ammont li serva bhali bazi ghar-raggungiment tat-transazzjoni.

Ghalhekk tiddecidi wara li rat l-artikoli 18, 261(d)(f), 268(a), 270, 281(a)(b) tal-Kap 9 u qieset il-kondotta netta ta' kull imputata li tillibera lil kull imputata billi tapplika l-artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li kull wahda mill-imputati ma tikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

A.M.Trigona
Magistrat

Niddikjara li ittraskrivejt onestament u fedelment ir-registrazzjoni tat-tape.

Albert Calleja
Deputat Registratur.